MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1081/2009

**L-Avukat Cedric Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Charmaine Hogan**

**Vs**

**Stian Torberg Olsen**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-5 ta' Novembru 2009 l-attur nomine qieghed jitlob il-hlas ta' ghoxrin elf u sbatax-il ewro (€20,017) minghand il-konvenut. Jirrizulta li l-kontendenti kellhom relazzjoni u ghamlu zmien ighixu flimkien.
Il-konvenut wiegeb (fol. 125) li:-
1. L-azzjoni attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. Kwalsiasi flus li nghata mill-attrici kienu donazzjoni u mhux self.
3. Kienet l-attrici li offriet li taghmel il-hlasijiet fi zmien li kienu qeghdin ighixu flimkien.

4. Ma kien hemm l-ebda ftehim jew self.
5. Il-flus li tat l-attrici ntuzaw ukoll fl-interess taghha, bhala ikliet, safar u divertiment.
6. L-attrici trid iggib il-provi tal-pretensjonijiet taghha.
7. L-imghax ghandu jiddekorri minn meta giet prezentata l-kawza.

Il-konvenut baqa' ma ressaqx provi minkejja l-opportunitajiet li nghataw lilu mill-qorti. Sahansitra gew iffissati wkoll appuntamenti biex jiddeponi permezz ta' video conferencing, pero ma sarx kuntatt mieghu. Hu kien rapprezentant minn avukat ta' fiducja tieghu, pero meta kellha ssir is-seduta biex jaghti l-verzjoni tieghu, id-difensuri rrinunzjaw ghall-patrocinju. Certament li l-qorti ma tistax tippermetti li xi parti f'kawza tipprova tiehu vantagg min-nuqqas taghha stess.

Mill-provi irrizulta li l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien u bejn Ottubru 2003 u Marzu 2004 kienu jghixu fil-basement tar-residenza tal-genituri tal-attrici.

L-attrici pprezentat rendikont tal-flus li tippretendi minghand il-konvenut (fol. 144). Il-hlas jinkludu flus kontanti li tat lill-konvenut minn zmien ghal zmien, hlas ta' self mal-Bank of Valletta plc, hlas ta' kontijiet relatati mal-*credit card* tal-attrici ghall-hlas maghmul fl-interess tal-konvenut, u kontijiet ta' telefon.

L-attrici ddikjarat ukoll li l-konvenut hallasha erbgha pagamenti, Lm100 f'Dicembru 2003, Lm100 f'Lulju 2005, Lm1,073.25 f'Dicembru 2006 u Lm215 f'Awwissu 2007.

F'korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet b'emails, jirrizulta li l-konvenut kien qieghed jirrikonoxxi li hu debitur tal-attrici, ghalkemm qatt ma semma l-ammont. F'email datata 19 ta' Mejju 2008 baghat igharraf lill-attrici:-

*"Quite fed up of you contacting me, Im changing my phone nr.*

*Anway, Im still in the process of getting reply on my credit score, and the deal remains the same, I will pay you within the year but im still advised not to sign the paper until credit score process settled."*.

F'email mibghuta fit-18 ta' Dicembru 2008 l-attrici staqsiet lill-konvenut meta kien ser jibghat il-flus. Wiegeb fit-22 ta' Jannar 2009:

*'I sent to the ING bank, but it says IBAN is not correct. Pls resend all bank info."*.

Sa Frar 2009 kien ghadu qieghed ighidilha li ser jibghat xi flus. Fil-fatt f'email datata 12 ta' Frar 2009 informa lill-attrici li kien ser ikun qieghed jittrasferixxi 10,000 kronar kull 10-14 il-gurnata. Imbaghad f'email ohra tal-15 ta' Frar 2009 gharrafha li ser jibghat 10,000 kronar dik il-gimgha stess.

F'parti ohra mill-korrispondenza gharraf lill-attrici li kien f'kuntatt ma' bank biex jiehu self, pero kien ghad irid jistenna ftit peress li l-credit rating tieghu fin-Norvegja kien ghadu baxx.

F'dan ix-xenarju m'hemmx dubju li tfalli ghal kollox l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-korrispondenza mibghuta mill-konvenut hi bla dubju rikonoxximent li hu debitur tal-attrici.

Il-qorti kif presjeduta kellha l-opportunita tisma' lill-attrici tixhed fis-seduti tat-18 ta' Ottubru 2011 u 19 ta' Dicembru 2011 u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita li qalet il-verita. L-uniku rizerva li ghandha hi dwar is-somma ta' Lm725 li qeghda tippretendi bhala kontijiet tat-telefon. Jirrizulta li kien hemm tliet xhur li matulhom l-attrici kienet qeghda tahdem Bruxelles u l-kontendenti kienu jzommu kuntatt permezz tat-telefon. Ghalhekk, mis-somma pretiza l-qorti ser tnaqqas *arbitrio boni viri* s-somma ta' €465. Min-naha tieghu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova biex jirribatti l-verzjoni li tat l-attrici. Il-konvenut ma tax prova li l-flus inghataw lilu b'donazzjoni. Kif rajna fil-korrispondenza li baghat ammetta li hu debitur tal-attrici. Ghalhekk ma jistax ikun li sehhet xi donazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra u tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' dsatax-il elf hames mija u tnejn u hamsin ewro (€19,552), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------